**20 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

John Cachia ne.

*versus*

Kaptan Joseph Bonnici ne.

**Ġurisdizzjoni — Sekwestru — Art. 743(g) tal-Kap. 15.**

*Fost każijiet oħra, il-Qrati Tagħna għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' kawżi li jirrigwardaw kull persuna għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' suddittu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer.*

*Iżda, jekk wieħed jissekwestra flus ta' ditta estera fil-poter ta' banka lokali, u din il-banka, anki bi żball, tkun it-trasmettiet lid-ditta estera l-flus li kellha taħt idejha, il-Qrati Tagħna ma għandhomx ġurisdizzjoni; għax meta bdiet il-kawża dawk il-flus ma kienux hawn Malta.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi hu xtara minn għand id-ditta konvenuta 340 tunellata "horsebeans", li waslu Malta fid-29 ta' Novembru 1960 fuq il-vapur "Giorgios"; u illi d-ditta konvenuta, meta sar il-ftehim maċ-"charterers", obligat ruħha. ad insaputa tal-attur. illi l-imsemmija merkanzija kellha tiġi skarikata hawn Malta fi żmien jumejn ("two lay

days") mingħajr ma żammew is-solita kondizzjoni "or as per custom of port", u dan taħt penali għar-riċevitur, li kellu jħallas in-nol hawn Malta, ta' £40 kulljum bħala "demurrage"; u illi, minħabba ċirkustanzi li fuqhom l-attur ma kellu ebda kontrol, il-vapur ma skarikax il-merkanzija fiż-żmien stipulat bejn id-ditta konvenuta u ċ-"charterers", imma ħa żmien itwal, tant li l-attur kien kostrett iħallas is-somma ta' £140 biex ikun jista' jirtira d-dokumenti neċessarji biex jillibera l-merkanzija, liema somma ħallas taħt protesta; u li minħabba dan in-nuqqas u aġir ħażin tad-ditta konvenuta l-attur sofra danni; talab, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, u senjatament dik li l-attur nomine ma kellu ebda tort li l-vapur "Giorgios" ħa żmien għall-iskarikazzjoni tal-merkanzija msemmija itwal minn dak miftiehem bejn id-ditta konvenuta u ċ-"charterers" tal-vapur, u mogħti kull provvediment opportun, illi jiġi dikjarat u deċiż (1) li hu sofra danni ammontanti għas-somma ta' £140 bħala konsegwenza tan-nuqqas u aġir ħażin tad-ditta konvenuta, u (2) li l-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu l-istess somma ta' £140; bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-13 ta' Diċembru 1960;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

L-attur nomine ressaq din il-kawża quddiem din il-Qorti bil-ħsieb li l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer għandhom ġurisdizzjoni biex jisimuha u jiddeċieduha in bażi għad-dispożizzjoni kontenuta fin-numru (g) tal-art. 743 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, peress illi huwa kien issekwestra fil-banka fuq imsemmija flus appartenenti lill-imsemmija ditta estera konvenuta, u kien jaħseb li dawk il-flus kienu għadhom f'dik il-Banka hawn Malta meta beda l-kawża, u skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi proċedurali l-Qrati ta' dawn il-Gżejjer għandhom ġurisdizzjoni jisimgħu u jiddeċidu l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna għal kull obligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditi tal-Maestà Tagħha r-Reġina meta s-sentenza tista' tkun eżegwita f'dawn il-Gżejjer, u kwindi, jekk dawk il-flus kienu għadhom f'Malta din il-Qorti kien ikollha ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċidi l-kawża, billi trattasi ta'

kawża relattiva għal obligazzjoni kuntratta ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, kif hu l-attur nomine, u s-sentenza, jekk favorevoli għalieh, kienet tkun tista' tiġi eżegwita hawn Malta fuq dawk il-flus eżistenti fil-banka fuq imsemmija;

Irriżulta però, mid-depożizzjoni tal-imsemmi Joseph Sciortino, li nonostante l-imsemmi sekwestru, meta bdiet il-kawża, l-imsemmija flus tad-ditta estera konvenuta ma kienux għadhom hawn Malta, għaliex bi żball ġew mill-istess banka trasmessi lill-istess ditta wisq qabel ma bdiet din il-kawża. Għalhekk kienet nieqsa l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta meta bdiet il-kawża, u għadha nieqsa għaliex ma jirriżultax li s-sentenza tkun tista' tiġi eżegwita b'xi manjiera oħra f'dawn il-Gżejjer;

Tiddikjara, kwindi, li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċidi l-kawża għar-raġunijiet premessi, u tillibera lill-konvent nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.